# PATT TAS-SINDKI

**BILLI,** il-Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC), li huwa l-iktar grupp irrispettat ta' xjentisti tal-komunità internazzjonali, ikkonferma li l-bidla fil-klima hija realtà u li l-kawża ewlenija hija l-użu ta' l-enerġija għall-attivitajiet tal-bniedem,

**BILLI,** l-UE adottat fid-9 ta' Marzu 2007 il-pakkett għall-Enerġija għal Dinja li Qiegħda Tinbidel, u impenjat ruħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' $CO_2$ b'20 % sa l-2020, permezz ta' żjieda ta' 20 % fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u ta' sehem ta' 20 % ta' RES fit-taħlita ta' enerġija,

**BILLI,** il-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija: Inwettqu l-Potenzjal ta' l-UE jinkludi bħala prijorità l-ħolqien ta' "Patt tas-Sindki",

**BILLI,** aħna lesti nsegwu r-rakkomandazzjonijet tal-Karta ta' Leipzig dwar il-Bliet Ewropej Sostenibbli, fir-rigward il-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija,

**BILLI,** aħna nirrikonoxxu li l-awtoritajiet lokali jassumu r-responsabbiltà għall-ġlieda kontra t-tisħin globali u għandhom ikunu impenjati lejn dan il-għan indipendentement mill-impenji ta' partijiet oħra,

**BILLI,** il-bliet huma responsabbli b'mod dirett u indirett (permezz tal-prodotti u s-servizzi użati miċ-ċittadini) għal iktar min-nofs l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra joriġinaw mill-użu ta' l-enerġija għall-attività tal-bniedem,

**BILLI,** l-impenn ta' l-UE sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ser jintlaħaq biss jekk iċ-ċittadini u r-ragruppamenti tagħhom jagħtu sehemhom,

**BILLI,** il-bliet, li huma l-amministrazzjoni l-iktar qrib taċ-ċittadin, jeħtieġu jmexxu l-azzjoni u jservu ta' eżempju b'għemilhom,

**BILLI,** il-bliet jaqdu u jistgħu jaqdu rwol attiv ħafna fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea dwar l-enerġija,

**BILLI,** ħafna mill-azzjonijiet neċessarji, fir-rigward ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, sabiex tiġi indirizzata l-bidla fil-klima jaqgħu fl-ambitu ta' kompetenza tal-gvernijiet lokali, jew ma jkunux jistgħu jsiru mingħajr l-appoġġ politiku tal-gvernijiet lokali,

**BILLI,** hemm ħtieġa għal approċċi deċentralizzati li jaqblu mal-bżonnijiet tal-komunitajiet lokali u l-Istati Membri ta' l-UE jistgħu jibbenefikaw minn azzjoni effettiva deċentralizzata fil-livell lokali sabiex jilħqu l-impenji tagħhom fit-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra,

**BILLI,** il-gvernijiet lokali madwar l-Ewropa, kbar u żgħar, qed inaqqsu l-pollutanti li jikkawżaw it-tisħin globali bis-saħħa ta' programmi għall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, inkluż it-trasport urban, u l-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fiż-żoni urbani,

**BILLI,** il-membri mill-bliet imsieħba fil-Patt tas-Sindki għandhom estimi jew inventarju ta' emissjonijiet ta' bażi u previżjoni ta' l-emissjonijiet skond il-possibbiltà li kollox jibqa' miexi kif inhu,

**AĦNA, IS-SINDKI, NIMPENJAW RUĦNA SABIEX:**

**Nimxu lil hinn mill-objettivi** stipulati mill-UE għall-2020, innaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ fit-territorji rispettivi tagħhom b'iktar minn 20 %, permezz ta' l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-impenn u l-Pjan ta' Azzjoni ser jiġu ratifikati permezz tal-proċeduri rispettivi tagħna;

**Nadattaw l-istrutturi tal-bliet**, inkluż l-allokazzjoni ta' riżorsi umani suffiċjenti, sabiex inwettqu l-azzjonijiet li ġejjin;

**Nimmobilizzaw is-soċjetà ċivili fit-territorji tagħna sabiex jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni,** billi nfiehmu l-politiki u l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu implimentati u mwettqa l-objettivi tal-Pjan.

DRAFT

Il-Pjan ta’ Azzjoni ser jitfassal f’kull territorju u għandu jiġi ppreżentat lis-Segretarjat fi żmien sena wara r-ratifika tal-Patt;

**Nipproduċu rapport ta’ evalwazzjoni** kull sena għall-finijiet ta’ monitoraġġ u verifika;

**Naqsmu l-esperjenza tagħna** u l-għarfien ma’ territorji oħrajn;

**Norganizzaw Jiem dwar l-Enerġija jew Jiem dwar il-Patt tal-Bliet** fit-territorji involuti fil-Patt, b’kooperazzjoni mal-KE u partijiet interessati oħra, li jippermettu liċ-ċittadini jibbenefikaw direttament mill-opportunitajiet l-vantaġġi offruti bis-saħħa ta’ użu iktar intelliġenti ta’ l-enerġija, u sabiex il-midja lokali tiġi mgħarrfa b’mod regolari dwar żviluppi fil-pjan ta’ azzjoni;

**Nattendu l-Konferenza Annwali tas-Sindki ta’ l-UE** għal Ewropa li tuża Enerġija Sostenibbli;

**Inkattru l-messaġġ tal-Patt** fil-pjattaformi xierqa, u b’mod partikulari nistiednu Sindki oħra biex jissiebħu fil-Patt;

**Naċċettaw it-terminazzjoni tas-sħubija tagħna fil-Patt**, suġġett għal ittra li tavża minn qabel maħruġa mis-Segretarjat, fil-każ ta’:

i) nuqqas li jiġi ppreżentat Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Enerġija Sostenibbli fl-ewwel perijodu ta’ żmien stipulat
ii) nuqqas ta’ konformità ma’ l-objettiv globali ta’ tnaqqis tas-$CO_2$ kif stipulat fil-Pjan ta’ Azzjoni
iii) nuqqas li jitressaq rapport għal sentejn wara xulxin
iv) nuqqas ta’ progress minħabba l-ebda azzjoni jew azzjoni mhux suffiċjenti tul perijodu ta’ sentejn

## AĦNA S-SINDKI NAPPOĠĠJAW

**Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li timplimenta u tiffinanzja struttura** ta’ appoġġ tekniku u promozzjonali, inkluża l-implimentazzjoni ta’ għodda ta’ evalwazzjoni u ta’ monitoraġġ, mekkaniżmi li jiffaċilitaw l-iskambju ta’ għarfien bejn it-territorji u għodda sabiex tiġi faċilitata r-replikazzjoni u l-multiplikazzjoni ta' miżuri li jkollhom suċċess, fil-limiti tal-baġit tagħhom;

**Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tassumi l-koordinazzjoni** tal-Konferenza tas-Sindki ta’ l-UE għal Ewropa li tuża Enerġija Sostenibbli;

**L-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiffaċilita l-iskambju ta’ esperjenza** fost it-territorji parteċipanti, u l-għoti ta’ linji gwida u eżemplari li jservu ta’ punt ta’ riferiment għall-adattament eventwali tagħhom. Li tittieħed azzjoni sabiex jiġi faċilitat l-adattament bla xkiel ta’ dawk l-eżemplari taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea, bħal CONCERTO, CIVAS u ManagEnergy, skond il-ħtiġijiet speċifiċi tal-bliet interessati. Dawk l-eżemplari li jservu ta’ punt ta’ riferiment għandhom ikunu parti integrali ta’ dan il-Patt, bħala appendiċi mehmuża miegħu;

**L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għar-rikonoxximent formali u viżibbiltà pubblika** tal-bliet li qed jipparteċipaw fil-Patt permezz ta’ l-użu ta’ logo ddedikat li jirrappreżenta Ewropa li tuża Enerġija Sostenibbli, u l-promozzjoni permezz ta’ l-għodda ta’ komunikazzjoni tal-Kummissjoni;

**Il-kontribuzzjoni ta’ l-entitajiet li joperaw il-Punti ta’ Riferiment ta’ Eċċellenza (ara l-Anness) għall-appoġġ** ta’ l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti ġodda fil-bliet tagħna.

## AĦNA S-SINDKI NITOLBU LI

**Il-Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjonijiet nazzjonali** jistabbilixxu skemi ta' kooperazzjoni li jappoġġjaw il-Bliet tal-Patt fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Sostenibbli.

**Il-Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjonijiet nazzjonali** jikkunsidraw l-attivitajiet fil-Patt bħala prijoritajiet fil-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom u sabiex jgħarrfu u jinvolvu lill-bliet fit-tfassil ta' politiki u skemi ta' finanzjament li jikkonċernaw il-livell lokali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-objettivi tal-Patt. Aħna noffru l-appoġġ tagħna fit-tħaddim ta' korp ta' appoġġ tekniku li jipprovdi pariri kunċettwali meta jkunu qed jitfasslu inizjattivi ġodda, u dan il-korp ikun jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Bliet tal-Patt.

**Il-Kummissjoni Ewropea tinnegozja mal-parteċipanti finanzjarji** sabiex jinħolqu faċilitajiet finanzjarji mmirati lejn il-faċilitar tat-twettiq tal-ħidmiet fi ħdan il-Pjanijiet ta' Azzjoni.

**Il-Kummissjoni Ewropea** tadotta miżuri stretti msejsa fuq is-sors għal prodotti u trasport.

AĦNA S-SINDKI NĦEĠĠU TERRITORJI OĦRAJN SABIEX JISSIEBĦU MAGĦNA FL-INIZJATTIVA FAVUR PATT TAS-SINDKI, U PARTIJIET INTERESSATI EWLENIN OĦRA SABIEX JIFFORMALIZZAW IL-KONTRIBUT TAGĦHOM LEJN IL-PATT

***

## ANNESSI

### 1. Ir-rwoli tal-gvernijiet lokali fl-implimentazzjoni tax-xogħol

- jipprovdu l-konsumaturi u s-servizzi
- jippjanaw, jiżviluppaw u jirregolaw
- jagħtu pariri, jimmotivaw u jservu ta' mudell
- jipproduċu u jfornu

### 2. Punti ta' Riferiment ta' Eċċellenza (PRE)

Dawn jiġu definiti bħala dawk l-inizjattivi u programmi li jirrappreżentaw mudell madwar id-dinja ta' implimentazzjoni b'suċċess ta' kunċetti dwar l-iżvilupp ta' enerġija sostenibbli f'kuntesti urbani. Rappreżentanti tal-Punti ta' Riferiment ta' Eċċellenza jiddikjaraw permezz tal-Patt ir-rieda tagħhom li jaqsmu l-esperjenza tagħhom u li jgħinu l-bliet jimplimentaw approċċi simili meta dawn huma applikabbli u konvenjenti, u li jimpenjaw ruħhom li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' għarfien permezz tad-distribuzzjoni ta' informazzjoni, inklużi linji gwida, il-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-Patt tal-Bliet, u b'mod ġenerali, kooperazzjoni ta' kuljum mal-Patt.

Punti ta' Riferiment ta' Eċċellenza jistgħu jissiebħu mal-Patt f'kull mument, sakemm jikkontribwixxu għat-twettiq ta' l-objettivi tal-Patt tal-Bliet fuq il-bażi tal-kwalità eċċellenti u l-vokazzjoni tagħhom sabiex jaqsmu l-għarfien għall-benefiċċju tal-pubbliku.

**Proposti inizjali għal Punti ta' Riferiment ta' Eċċellenza:**

- CONCERTO: tiġdid urban għal żoni mibnijja
- CIVITAS: trasport urban sostenibbli
- C40 u l-inizjattiva tagħha għal bini li jużaw enerġija b'mod effiċjenti
- ManagEnergy: aġenziji lokali ta' l-enerġija
- European Energy Award eea®